**132. Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, jipproponi:**

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.

Din il-Kamra tirrisolvi li permezz ta' SportMalta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva - Naxxar Lions Football Club - art skont 1-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (KAP. 455), permezz ta' titolu ta' ċens.

Din il-Kamra tirrisolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan it-trasferiment.

26 ta' April 2023

| | | |
|---|---|---|
| | Illum, | **Att Numru:** |
| | Quddiemi Nutar Dottor Joe Cilia, duttur tal-liġi, qegħdin jidhru personalment, wara li vverifikajt l-identità tagħhom permezz tad-dokumenti uffiċjali hawn taħt indikati:- | **Enfitewsi Temporanja** |
| | Mill-ewwel parti:- | **Ins:** |
| | Dottor Andrew Decelis, mizzeweg, iben Alfred Decelis u Hilda Decelis nee Vassallo, imwieled il-Hamrun fil-15/09/1968 u residenti Sliema, karta tal-identita numru 360368(M) li qed jidher fuq dan l-Att fil-kwalità tiegħu ta' Chairperson, għan-nom u in rappreżentanza ta' **SportMalta** (bħala s-suċċessur fit-titolu tal-Kunsill Malti għall-iSport), ta' Cottonera Sports Complex, Cottonera Avenue, Bormla BML 9020; kif debitament awtorizzat:- | **Vol.I.:** |
| | U għalhekk kull referenza f'dana l-att għal SportMalta għandu jinftiehem bħala għall-Kunsill Malti għall-iSport u vice versa; | |
| | - aktar 'l isfel imsejjaħ "**SportMalta**". | |
| | Mit-tieni parti:- | |
| | Angelo Pullicino, mizzewweg, bin Joseph Pullicino u Victoria Pullicino nee Ellul, imwieled il-Pieta' fit-23/2/1967 u residenti 'The Corner, Triq ix-Xghajrat, Madliena (Karta ta' l-identita' numru 95667M), Simon Camilleri, mizzewweg, bin Anthony Camilleri u Mary Camilleri nee Zarb, imwieled il-Pieta' fil-31/5/1982 u residenti flat numru erbgha (4), Sweet Peas Court, Triq il-Langas, Naxxar (Karta ta' l-identita' numru 320082M), u Shaun Camilleri, bin Carmel Camilleri u Dolores Camilleri nee Gauci, imwieled il-Pieta' fis-7/1/1990 u residenti f'numru sittin (60), Victoria, Flat numru tnejn (2), Triq Santa Marija, Naxxar (Karta ta' l-identita' numru 52890M), li qegħdin jidhru fil-kariga tagħhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament li qegħdin jidhru fuq dan l-att ghan-nom u in rappresentanza ta' **Naxxar Lions Football Club** ta' ghaxra u hdax (10 u 11), Victory Square, Naxxar [b'numru tar-Registrazzjoni ma' SportMalta ittri 'SM' sbarra ittra 'C' sbarra mija u disgha (SM/C/109), kif debitament awtorizzati permezz ta' riżoluzzjoni tal-kumitat hawn annessa u mmarkata "Dokument R"; | |
| | - aktar 'l isfel flimkien u solidalment bejniethom imsejħin "**Il-klabb**". | |
| | Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti uffiċjali fuq indikati. | |
| | U bis-saħħa ta' dan l-att SportMalta qiegħed jikkonċedi b'titolu t'enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena b'effett mil-lum, lil fuq imsemmi klabb, li bl-istess titolu qiegħed jaċċetta u jakkwista l-porzjoni t'art ossia sit li tinsab fi Triq Tal-Balal, | |

fil-kuntrada maghrufha bhala 'Ix-Xwieki', fil-limiti tal-Iklin, Malta tal-kejl ta' circa hmistax il-elf u hamsa u tmenin metru kwadru (15,085mk), konfinanti mit-Tramuntana ma ; Triq Tal-Balal, u mull-irjihat l-ohrjan kollha ma' proprjeta' ta' sidien mhux maghrufin, jew irjieh verjuri, u kif murija ahjar b'bordura hamra fil-pjanta indikata bhala *Property Drawing* numru elfejn u sbghatax sottosink zero tnejn tmienja sitta sottosink wiehed (P.D. 2017_0286_1), li tinsab annessa m'att tan-Nutar Dottor Roderick Gatt tas-sebgħa t'Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (07/10/2022);

L-imsemmija porzjoni t'art tinsab indikata fuq is-siteplan formanti parti mill-Form E tar-Registru tal-Artijiet, li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'LR'.

Din il-konċessjoni enfitewtika qegħda ssir u tiġi aċċettata bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet li ġejjin, u cioè:-

(1) Versu ċ-ċens annwu u temporanju komplessiv ta' **hdax il-elf mitejn u sittin ewro (€11,260)** għal ħamsa u erbgħin sena (45) dekorribbli minn dana l-att, liema ammont ta' ċens qed jiġi mnaqqas b'perċentwal ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%) minn SportMalta bħala sussidju mogħti minn SportMalta, b'dana għalhekk li l-ammont ta' ċens dovut mill-klabb kull sena u li għandu jitħallas kull sena bil-quddiem huwa l-ammont ta' **hames mija u tlieta u sittin ewro (€563)**. F'għeluq kull perjodu ta' ħames (5) snin mill-lum, dan l-ammont ta' ċens għandu jiġi rivedut b'żieda ta' għaxra fil-mija (10%) taċ-ċens eżistenti meta ssir ir-reviżjoni, biex b'hekk, iċ-ċens li jitħallas għal kull ħames (5) snin wara kull reviżjoni, ikun iċ-ċens hekk rivedut.

(2) Iż-żmien tal-konċessjoni enfitewtika jista' jiġi mġedded favur il-klabb fl-gheluq tieghu għal żmien ieħor, kemm il-darba t-tiġdid ta' żmien jiġi approvat permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu wiehed u tletin (31) tal-Kapitolu hames mija u tlieta u sebghin (KAP 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Il-ħlas taċ-ċens jitħallas lill SportMalta u jitqiegħed f'fond imsejjaħ *Sports Fund* li jkun amministrat minn SportMalta.

(4) SportMalta għandu d-dmir li jara li l-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-att jiġu osservati mill-klabb. F'każ ta' ksur ta' xi kundizzjoni stipulata f'dan l-Att, it-titolu legali tal-istess proprjetà jerġa' jirritoma lura lill- SportMalta.

(5) Il-manutenzjoni kollha tal-proprjetà ttrasferita tkun fil-karigu tal-klabb mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens.

(6) Il-klabb għandu l-obbligu li jżomm il-proprjetà fi stat tajjeb u jagħmel dawk ix-xogħlijiet u tiswijiet ordinarji u straordinarji kollha neċessarji tul il-perjodu kollu ta' din il-koncessjoni.

Kwalunkwe xogħol strutturali għandu jsir biss wara li l-klabb jikseb il-permess bil-miktub mingħand SportMalta sabiex il-klabb ikun jista' jwettaq dan ix-xogħol. Il-klabb ma jistax japplika għand l-

Awtorità tal-Ippjanar u/jew iwettaq xogħol strutturali mingħajr ma jkollu l-permess bil-miktub ta' SportMalta.

(7) Dawn l-istess xogħolijiet jew kwalunkwe benefikati jew miljoramenti magħmulin isiru *ipso facto* tal-SportMalta u l-klabb m'għandu fl-ebda żmien, dritt ta' kwalunkwe kumpens għal kwalunkwe benefikati jew miljoramenti li jista' jkun għamel fl-imsemmija proprjetà.

(8) Il-proprjetà tkun għall-użu wkoll tal-Youth Nursery tal-istess klabb u fil-ħinijiet tal-iskola, bi ftehim, il-proprjetà tinfetaħ għall-użu tat-tfal ta' l-iskola. Jekk ma jkunx hemm qbil, il-kwistjoni tmur quddiem SportMalta u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

(9) Il-klabb huwa direttament responsabbli lejn SportMalta li jirrappreżenta lill-Ministru jew lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-iSport. Għal dan il-għan kull persuna inkarigata minn SportMalta, għandha titħalla tidħol biex tagħmel, f'każ ta' bżonn, spezzjoni tal-faċilitajiet sportivi ossia l-proprjetà trasferita.

(10) SportMalta, għandu jkollu d-dritt li jagħmel użu b'xejn mill-faċilitajiet sportivi tal-klabb għall-perijodu ta' mitejn (200) siegħa b'kollox fis-sena. It-tqassim ta' dawn is-siegħat, jiġifieri lil min jingħataw, kif ukoll meta jiġu wżati, hija deċiżjoni ta' SportMalta. SportMalta għandu l-obbligu li jagħti pre-avviż ta' mill-inqas xahrejn lill-klabb li għandu t-titolu legali tal-faċilità sportiva.

(11) Fl-użu tal-faċilitajiet sportivi tal-klabb, mgħandux ikun hemm diskriminazzjoni minħabba kulur, razza, reliġjon, politika, sess jew ġibdiet sesswali.

(12) Il-proprjetà għandha tintuża esklussivament għall-attività sportiva, li tista' tinkludi uffiċċini amministrattivi għall-attività sportiva, *gymnasiums, sport clinics*, u faċilità ta' bottegin għall-membri, iżda mhux b'tali mod li jibdel in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv. Il-klabb irid jikseb permess minn SportMalta sabiex ikun jista' jopera l-bottegin.

(13) Il-klabb ma jistax iċedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu ieħor, jittrasferixxi il-proprjeta' in kwistjoni lil terzi persuni, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-klabb lanqas ma jista', mingħajr tali approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti jidħol fi sħubija ma' terzi dwar it-tmexxija tal-proprjeta' imsemmija ħlief, u limitatament, għal xi faċilitajiet tal-bottegin, u dan dejjem bl-approvazzjoni ta' SportMalta, u basta ma tinbidilx in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv, kif stipulat fi klawżola tnax (12) ta' dan l-att.

(14) Il-klabb għandu l-jedd li jiġbor miżati xierqa u raġonevoli għall-użu temporanju tal-faċilitajiet li jinstabu fis-sit enfitewtiku. SportMalta għandu l-jedd li jara li din il-miżata hi waħda xierqa u raġonevoli.

(15) Il-klabb għandu jkun irreġistrat ma' SportMalta u jfornih b'dak

kollu stabbilit fl-Avviż Legali numru tlieta u sittin tas-sena elfejn u tmienja (A.L. 63/2008) jew kull liġi oħra li tieħu post dan l-Avviż Legali.

(16) Il-klabb għandu jagħmel polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni jew kontra l-ħsarat fl-imsemmija proprjetà.

(17) Jekk il-klabb ixolji jew iżarma, it-titolu fuq l-imsemmija proprjetà jintemm *ipso facto* u l-proprjetà tgħaddi lura għand SportMalta minnufih, bit-tibdil kollu li jkun sar fiha.

Bħala garanzija tal-ħlas tal-imsemmi ċens annwali u temporanju u tal-eżekuzzjoni tal-obbligi l-oħra li joħorġu minn dan l-att, il-klabb qiegħed jipoteka favur ta' SportMalta, aċċettanti, l-beni kollha tiegħu in ġenerali preżenti u futuri oltre Ipoteka Speċjali u Privileġġ Speċjali skont il-liġi, fuq il-proprjetà b'dan l-att trasferita. Għall-fini tal-iskrizzjoni ipotekarja, qed tiġi ffissata s-somma ta' **ħdax il-elf mitejn u sittin ewro (€11,260)** bejn il-komparenti partijiet.

Għall-fini ta' l-Att numru wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (ATT XXXI/1981) qiegħed jiġi dikjarat illi l-proprjetà fuq deskritta ġiet mgħoddija lil SportMalta permezz tal-att ta' Trasferiment ta' Drittijiet u Obbligi fl-atti tan-Nutar Dottor Roderick Gatt tas-sebgħa t'Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (07/10/2022) skond l-Artikolu numru ħamsa (5) tal-*Government Lands Act Att* numru sbatax (XVII) tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-ebda ħlas ta' taxxa tal-bolla mhi dovuta fuq dan l-Att minħabba illi dan it-trasferiment tal-lum ġie debitament eżentat u dan skont l-artikolu numru erbgħa u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tat-Taxxa fuq id-Dħul [Kapitlu numru mija u tlieta u għoxrin (123) tal-Liġijiet ta' Malta] dan it-trasferiment huwa eżentat mill-ħlas ta' taxxa fuq il-qligħ u dan skont l-artikolu numru erbgħa u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tal-Kapitlu numru mitejn u sitta u erbgħin (Kap.246) tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, qed jiġi ddikjarat mill-akkwirenti nomine illi l-klabb jikkwalifika biex jakkwista il-proprjetà li qiegħda tiġi ttrasferita aktar 'l fuq, mingħajr il-bżonn ta' permess ta' l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti peress illi l-istess klabb, kif ukoll l-akkwirenti nomine qed jiddikjaraw li l-klabb ilu stabbilit f'Malta u l-akkwirenti nomine huma residenti ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u li l-klabb kien stabbilit f'Malta u l-akkwirenti nomine għexu f'Malta għal perijodu kontinwu matul ħajjithom, ta' ħames (5) snin. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara li jiena Nutar sottoffirmat spjegajtilhom l-importanza tagħha skond il-liġi.

Id-drittijiet u l-ispejjeż ta' dan il-kuntratt għandhom jitħallsu mill-klabb.

Ghal fini tal-Att dwar ir-Registrazzjoni tal-Artijiet, jiena Nutar, hawn taht iffirmat, niddikkjara li l-propjeta' immobbli ttrasferita fuq dana l-att taqa' f'area ta' registrazzjoni obbligatorja u tinsab rregistrata Permezz tac-Certifikat fit-Titolu li jgib in-numru tnejn tmienja zro zero zero zero hamsa hamsa (28000055).

Dan il-kuntratt mhu bl-ebda mod jaħfer u/jew jippreġudika d-dritt ta' SportMalta għal kwalunkwe ammont dovut lilu sallum minħabba l-okkupazzjoni ta'l-istess proprjetà.

Il-komparenti partijiet qegħdin jaqblu li dan l-att jikkostitwixxi l-ftehim kollu u esklussiv bejn il-komparenti partijiet u huwa dan l-att biss li mil-lum 'il quddiem ser jirregola r-relazzjoni legali ta' bejn il-komparenti partijiet.

Qiegħed jiġi dikjarat illi dan it-trasferiment ġie approvat skond l-att tal-erbgha ta' Frar, tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (4/2/2022) ippubblikat min-Nutar Dottor Roderick Gatt li permezz tiegħu Sport Malta għandu d-dritt li jittrasferixxi l-imsemmija propjeta' lil persuni sportivi irreġistrati ma' Sports Malta taħt l-att tal-ISports (KAP 455) tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' b'titolu ta' enfitewsi temporanju li ma jaċċedix il-perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena. Tali trasferiment qiegħed isir skond l-Att Dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573) tal-Liġijiet ta' Malta Artiklu numru ħamsa (5) u qiegħed isir wara l-approvazzjoni ta' dan it-trasferiment permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skond l-Artikolu wiehed u tletin (Art 31) tal-istess Kapitolu numru hames mija u tlieta u sebghin (KAP. 573).

Magħmul, moqri u ppublikat wara ċerjorazzjoni skond il-liġi f'Malta,

NAXXAR LIONS FOOTBALL CLUB

**12th January 2023**

**Board Resolution**

To Whom it May Concern,

During a Board Committee meeting of Naxxar Lions Football Club dated **28th December 2022**, it has been resolved that, if the Central Government passes on the land to the attached site plan in Triq tal-Balal Xwieki (limits of Naxxar), the same club will be renouncing to any rights on any other land transferred or promised onto Naxxar Lions Football Club prior to the date as stated above.

The chosen three signatories (Mr Angelo Pullicino, Mr Simon Camilleri and Mr Shaun Camilleri) were authorised to appear on behalf of the club on a deed of acquisition by title of temporary emphyteusis of the site at 'Ix-Xwieki' limits of Iklin from SportMalta.

Regards,

**Angelo Pullicino**
Club President
Naxxar Lions Football Club

Good Afternoon,

Please find attached the updated board resolution as requested. Also, please find below the details requested -

**Angelo Pullicino**
Wife - Daniela Pullicino nee Eminyan
Father - Marcello Eminyan / Mother - Carmen Eminyan
Place of Birth - Pieta

**Simon Camilleri**
Wife - Collette Camilleri nee Debono
Father - Joseph Debono / Mother - Rita Debono
Place of Birth - Pieta

**Shaun Camilleri**
Wife - Luana Camilleri nee Vella
Father - Joseph Vella / Mother - Jacqueline Vella
Place of Birth - Pieta

Thanks & Regards,

**Shaun Camilleri**

Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only 022101




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

**Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

**Land Registration Agency**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* 284976 E | Pożizzjoni Ċentrali: x = 50774 *Centre Coordinates:* y = 74938 | Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* 5074 | Data: *Date:* 28/11/2022 |

Perit: *Architect:*

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 15,085m²

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

30X30
**PERIT ETIENNE SPITERI**
Dip. DFS (Melit.); B.Sc. (Hons)(Melit.); M.Arch (Melit.)
30X30 Architecture Studio
m: +356 99020795 e: info@30x30designstudio.com

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 286309

Dritt imħallas *Fee Paid*

Doc 'X'




PROPERTY NO.: J47148
AREA: 15,085m²

EXTENT INTERPRETED FROM PD 2017_0268 & LAND REGISTRY PLAN No. 187836M SUBMITTED BY APPLICANT.

| LANDS AUTHORITY - ESTATE MANAGEMENT AND BUSINESS DEVELOPMENT DIRECTORATE | |
|---|---|
| LOCALITY: IKLIN | |
| P.D. NO: 2017_0286_1 | SCALE 1:1250 |
| FILE: A/1356/1997 | DRAWN BY: bugem151 |
| (sgd. J. Schembri)<br>A&CE<br>DATE:09/02/2022 | (sgd. R. Demicoli)<br>f/Chief Officer - Estate Manag me<br>DATE:09/02/2022 |

LAND REGISTRATION AGENCY

DATE: 26th December 2022

REPLY FORM E (ATTACHED) NUMBER: 22101

REGARDING PROPERTY: Naxxar Lions Football Club – Ix-Xwieki, l/o Iklin

REQUESTED BY: Not Dr Joe Cilia

LIST OF ATTACHED DOCUMENTS: Certificate of title 28000055 and Plan

**REPLY COVERS PERIOD TO: 26th December 2022**

1. Property as marked on LR Plan 284976 E is registered by title 28000055 as per certificate and plan attached).
2. If plan is used for future registration it will be considered to be valid if it is in accordance with subsidiary legislation 296. END.

27/12/22

LAND REGISTRY OFFICIAL - SIGNATURE
f/LAND REGISTRAR

Victoria Grech
Property Registration Manager

The Reply to this Search Form is not valid
(a) if reply is given in writing;
(b) if any words are struck off or corrected in any way;
(c) if any type of correcting fluid *is used;*
(d) if this reply is not signed with blue ink and rubberstamped by Land Registry Official;
(e) if words are printed outside the frame box;
(f) if the reply does not contain the Land Registry letterhead
*and*
(g) if the last word of the reply given is not followed by the word 'END'.

+356 2560 9700
enquirieslandregistry@gov.mt
landregistry.gov.mt
116, Casa Bolino
Triq il-Punent
Il-Belt Valletta
VLT 1535

Naxxar Lions Football Club – Ix-Xwieki, Limits of Iklin

RECEIVED
12 DEC 2022
LAND REGISTRATION AGENCY

022191

FORM E : 8771

REQUEST FOR AN OFFICIAL SEARCH AND/OR INFORMATION:

Number:

Payment:

Receiver:

**DESCRIPTION OF PROPERTY:** Naxxar Lions Football Club – Ix-Xwieki, Limits of Iklin

**INFORMATION REQUESTED:**

Whether the site is in a registration area?

Whether it is registered?

Whether there are any registered charges, and in favour of whom?

Whether there are any pending applications and in favour of whom?

REPLY TO BE FORWARDED TO: Dr. Joe Cilia, 107, Triq il-Knisja, Paola PLA1074

Notary Dr. Joe Cilia LL.D

RISPOSTA ANNESSA
SEE ATTACHED REPLY

21/12/22

Victoria Grech
Property ...
Land Registr...

Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only

022101




Scale 1:1000




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

**Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

**Land Registration Agency**
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* 284976 E | Pożizzjoni Ċentrali: x = 50774 *Centre Coordinates:* y = 74938 | Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* 5074 | Data: *Date:* 28/11/2022 |
| Perit: *Architect:* | | Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 15,085m² | |
| Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* 30X30 PERIT ETIENNE SPITERI Dip. DFS (Melit.); B.Sc. (Hons)(Melit.); M.Arch (Melit.) 30X30 Architecture Studio m: +356 99020795 e: info@30x30designstudio.com | | Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:* | |

LR 286309

Dritt imħallas *Fee Paid*

# Reġistru tal-Artijiet

# Ċertifikat ta' Titolu

'Casa Bolino' 116, Triq il-Punent, Valletta

---

**Proprjeta' Numru:** *28000055* *Attiva*

**Numru ta' ZSBP:** *00002303M*

---

| | |
|---|---|
| **Tip ta' Proprjeta'** | *Art* |
| **Indirizz** | *Porzjon 7A*<br>*Triq Tal-Balal*<br>*IKLIN* |
| **Kunsill Lokali** | *IKLIN* |
| **Kejl dikjarat (m.k.)** | *15130* |

**Kummenti**

*Mill-art magħrufa bħala "Tax-Xwieki".*

***Dan iċ-ċertifikat jinkludi dettalji dwar 1 applikazzjonijiet***

Maħruġ skond l-Att
Dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, Kap 296.
sid fid-data tal-ħruġ.
Soġġett għall-interessi li jipprevalu jekk
mhux espressament esklużi. Saret Area
ta' reġistrazzjoni fil- 13-11-2000

~~Land Registration Agency~~
116, "Casa Bolino"
Triq il-Punent,
Valletta VLT 2000

Reġistratur tal-Artijiet

27 Dec 2022 12.32 PM

# Reġistru tal-Artijiet — Ċertifikat ta' Titolu

'Casa Bolino' 116, Triq il-Punent, Valletta

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Applikazzjoni Numru:** | *200007647M* | **Proprjeta' Numru:** | *28000055* |
| **Applikanti** | *1* | **Ref:** | *LRA2303/00* |
| **L-Ewwel Registrazzjoni mahduma fil-13/11/2000** | | **Approvata fil- 17/11/2000** | |

| **Numru ta' Identita'** | | **Isem U Kunjom** |
|---|---|---|
| *CB0006* | *O* | *Gvern ta' Malta *** |
| *Ghal sehem shih* | | |

**Bazi**

*Permezz ta' ligi li dahlet fis-sehh fil-18/02/1993 b titolu Liberu u Frank*

**Kummenti ohra:**

*Kap 358 dwar Proprjeta' ta' Entijiet Ekklesjastici.*

**Kummenti ohra fuq applikazzjoni numru 200007647M**

*J.O. Ref. A 1355/97*
*Entity - Curia Ref 1012-0571-0068.*

Mahruġ skond l-Att
Dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, Kap 296.
sid fid-data tal-hruġ.
Soġġett ghall-interessi li jipprevalu jekk
mhux espressament esklużi. Saret Area
ta' reġistrazzjoni fil- 13-11-2000

Reġistratur tal-Artijiet

Print Date: 27/12/2022 12:57:10
Property No: 28000055
...tion: LRCS Image 28000055A

This is an official docume...
28000055\

5/97 TAX-XWIEKI PORZ7A IKLIN.
571 0068

Dan hu dokument uffiċċjali għall-uża biss fir-Reġistru tal-Artijiet







Pjanta tas-sit 1:2500 Site Plan

**Registru ta' l-Artijiet**
Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta

**Land Registry**
Casa Bolino, 116 West Street, Valletta

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* | 29725M | Pożizzjoni Centrali: *Centre Coordinates:* | x - 50770 y - 74944 | Parti minn SS: *Extracted from SS:* | 5075 5074 |
| Data: *Date:* | 13/11/1999 | | | | |
| Perit *Architect:* | M Schembri Attard | | | Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* | 15130 m². |
| Timbru tal-Perit *Architect's Stamp* | | | | Firma tal-Applikant *Applicant's signature* | |

Dritt Mħallas
*Fee Paid*